MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 283/2013

**Nicolette Amato Gauci ID227766M**

**vs**

**Dr. Albert Libreri fil-kwalita tieghu ta' mandatarju tal-assenti Dr. Andrew Amato Gauci u b'degriet tat-Tribunal tat-8 ta' Mejju 2014 il-kliem minn "Dr. Albert Libreri" sa "assenti" gew mnehhija**

**It-Tribunal,**

PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ ir-Rikorrenti qed titlob li l-Intimat zewgha jigi kundannat ihallasha l-*quantum* ta' elf, sitt mija hamsa u erbghin Ewro ghal spejjes medici straordinarji u dawk ta' dawl u ilma u dana skond degriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-17 ta' Marzu 2011. Kopja ta' dan id-degriet giet sussegwentement esibita b'nota tal-20 ta' Jannar 2015 (ara *fol* 22).

Originarjament kien tharrek Dr. Albert Libreri "fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju tal-assenti Dr. Andrew Amato Gauci". Ghal dan, fl-ewwel parti tar-RISPOSTA tqanqal, in linea preliminari, li hu ma kienx mahtur minn zewg ir-Rikorrenti biex jirraprezentah fil-kawza odjerna. Ghalhekk ma kienx legittmu kontradittur.

B'verbal fl-udjenza tad-9 ta' April 2014 id-difensur tar-Rikorrenti talab li l-isem Dr. Libreri jitnehha mill-*occhio* biex b'hekk il-kawza titmexxa direttament kontra Dr. Amato Gauci. Din it-talba ta' korrezzjoni giet milqugha fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2014 (ara *fol* 12).
Tressqet imbaghad RISPOSTA minn naha ta' Dr. Andrew Amato Gauci li tghid hekk:-

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-esponent jissottometti li:

(a) Hu ma giex ordnat ihallas xi kontijiet tad-dawl u ilma
(b) L-ispejjez medici reklamati mill-attrici mhumiex spejjez medici straordinarji.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-attrici ma ghandha tiehu ebda ammont ghaliex gja hadet ammont ikbar abuzivament u minghajr il-konsapevolezza u kunsens ta' zewgha, u fil-fatt hija debitrici ta' l-esponent.

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2015 gie verbalizzat (ara *fol* 17) hekk:-

*Dr. Albert Libreri ghall-konvenut jikkjarifika l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens illi hu jsostni li d-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja li huwa l-mertu tal-kawza odjerna ma jistax jigi interpretat fis-sens li qed titlob l-attrici cioe illi hu gie ordnat ihallas l-ispejjez li taghhom qed titlob ir-rimbors l-attrici fil-kawza odjerna u ghalhekk jissottometti li dan it-Tribunal huwa inompetenti li jitratta dan il-kaz stante li bl-eventwali decizjoni tieghu ikun irid jaghmel interpretazzjoni tad-digriet in kwistjoni.*

*Dr. Cutajar ghall-attrici b'referenza ghall-verbal ta' Dr. Libreri jirrileva li l-unika limitazzjoni li ghandu dan it-Tribunal kif regolat mill-att dwar it-Tribunal tat-Talbiet Zghar huwa fejn jirrigwarda limitu ta' l-ammont li parti tkun qeda titlob u ma jezistu ebda limitazzjonijiet ohra.*

DECIZJONI IN PARTE

It-TRIBUNAL iqis li quddiemu tressqet talba ghal oltre minn "money claim" li per necessita' ifisser li t-Tribunal irid jidhol fl-interpretazzjoni tad-digriet in kwistjoni. Isegwi li t-TRIBUNAL hu nkompetenti, sabiex jikkontempla l-kas odjern.

It-TRIBUNAL jilqa l-eccezzjoni ta' nkompetenza u jordna li l-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------